MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 321/2008

**Complete Supplies Ltd. (C 15472)**

**vs**

**Mediterranean Broadcasting Equipment Ltd (C 23047)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' seba' mija u tnejn u hamsin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€752.73), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta;

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fattura kontra s-socjeta' konvenuta ngunta in subizzjoni.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ seba’ mija u tnejn u hamsin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€752.73), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------